Il-Ġurnal Uffiċjali
tal-Unjoni Ewropea

MT
Is-serje L

2025/901

20.5.2025

# REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2025/901

## tad-19 ta' Mejju 2025

## li jistabbilixxi lista ta' sustanzi li huma essenzjali għat-trattament tal-ispeċijiet ekwini, jew li jġibu benefiċċju kliniku miżjud meta mqabbla ma' għażliet oħra ta' trattament disponibbli għall-ispeċijiet ekwini u li għalihom il-perjodu ta' stennija għall-ispeċijiet ekwini għandu jkun ta' 6 xhur, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1950/2006

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2019/6 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 dwar prodotti mediċinali veterinarji u li jħassar id-Direttiva 2001/82/KE ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 115(5) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (UE) 2019/6 jistabbilixxi r-regoli għall-użu tal-prodotti mediċinali veterinarji, inkluż ir-rekwiżit li jintużaw f'konformità mat-termini tal-awtorizzazzjonijiet għall-kummerċjalizzazzjoni tagħhom. Meta l-ebda prodott mediċinali veterinarju ma jkun awtorizzat jew disponibbli fi Stat Membru għall-annimali li jipproduċu l-ikel tal-ispeċijiet ekwini jew għal indikazzjoni, il-veterinarji jistgħu, b'mod partikolari biex jevitaw li jikkawżaw tbatija inaċċettabbli u taħt ir-responsabbiltà diretta tagħhom, jużaw il-prodotti mediċinali barra mit-termini tal-awtorizzazzjonijiet għall-kummerċjalizzazzjoni tagħhom, f'konformità mar-regoli stabbiliti fl-Artikoli 113 u 115 ta' dak ir-Regolament.

(2) Sabiex tiżdied id-disponibbiltà tal-prodotti mediċinali għall-annimali li jipproduċu l-ikel tal-ispeċijiet ekwini filwaqt li jiġi żgurat livell għoli ta' protezzjoni tal-konsumatur, u b'deroga mill-Artikolu 113(1) u (4) tar-Regolament (UE) 2019/6, l-Artikolu 115(5) tar-Regolament (UE) 2019/6 jipprevedi l-istabbiliment, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, ta' lista ta' sustanzi li huma essenzjali għat-trattament tal-ispeċijiet ekwini, jew li jġibu benefiċċju kliniku miżjud meta mqabbla ma' għażliet oħra ta' trattament disponibbli għall-ispeċijiet ekwini u li għalihom il-perjodu ta' stennija għall-ispeċijiet ekwini għandu jkun ta' 6 xhur.

(3) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1950/2006 ([2]), kif emendat bir-Regolament (UE) Nru 122/2013 ([3]), kien stabbilixxa lista ta' sustanzi essenzjali għall-kura tal-ekwidi u ta' sustanzi li jġibu benefiċċju kliniku miżjud.

(4) L-Anness tar-Regolament (KE) Nru 1950/2006 ġie aġġornat l-aħħar fl-2013 permezz tar-Regolament (UE) Nru 122/2013. Għalhekk, l-esperjenza miksuba mill-użu tas-sustanzi elenkati f'dak l-Anness jenħtieġ li sservi bħala bażi biex tiġi stabbilita l-lista msemmija fl-Artikolu 115(5) tar-Regolament (UE) 2019/6, inkluża l-ħtieġa li tiġi aġġornata l-informazzjoni dwar l-użu ta' dawk is-sustanzi, il-vantaġġi u l-alternattivi tagħhom. Barra minn hekk, jenħtieġ li tiġi kkunsidrata wkoll il-ħtieġa li jiżdiedu sustanzi oħra bħala riżultat ta' evidenza ġdida disponibbli.

(5) Sabiex jiġi żgurat livell għoli ta' protezzjoni tal-konsumatur, jenħtieġ li s-sustanzi jiġu inklużi biss fil-lista stabbilita f'dan ir-Regolament jekk ma joħolqux riskju inaċċettabbli għall-konsumaturi meta jintużaw fl-annimali li jipproduċu l-ikel tal-ispeċijiet ekwini, u jekk jiġi rispettat perjodu ta' stennija ta' 6 xhur.

([1]) ĠU L 4, 7.1.2019, p. 43, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2019/6/oj.

([2]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1950/2006 tat-13 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi, skont id-Direttiva 2001/82/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-kodiċi tal-Komunità relatat mal-prodotti mediċinali veterinarji, lista ta' sustanzi essenzjali għall-kura tal-ekwidi u ta' sustanzi li jġibu benefiċċju kliniku miżjud. ĠU L 367, 22.12.2006, p. 33, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2006/1950/oj.

([3]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 122/2013 tat-12 ta' Frar 2013 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1950/2006 li jistabbilixxi, skont id-Direttiva 2001/82/KE tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill dwar il-kodiċi Komunitarju rigward prodotti mediċinali veterinarji, lista ta' sustanzi essenzjali għat-trattament tal-ekwidi (ĠU L 42, 13.2.2013, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2013/122/oj).

(6) Sustanza tikkwalifika biss bħala "sustanza essenzjali" meta ma tkun disponibbli l-ebda alternattiva sodisfaċenti għat-trattament jew għad-dijanjożi ta' indikazzjoni u meta l-kundizzjoni, jekk ma tiġix trattata, toħloq tbatija bla bżonn għall-annimal. Sustanza tikkwalifika biss bħala "li ġġib benefiċċju kliniku miżjud" meta tipprovdi vantaġġ klinikament rilevanti bbażat fuq effikaċja jew sikurezza mtejba jew kontribut ewlieni għat-trattament jew għad-dijanjożi. Dan jista' jkun ir-riżultat, fost l-oħrajn, tal-modi differenti ta' azzjoni, tal-profili farmakokinetiċi jew farmakodinamiċi differenti, tat-tulijiet differenti tat-trattament jew tar-rotot differenti tal-amministrazzjoni.

(7) Fuq talba tal-Kummissjoni, l-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini ("l-Aġenzija") wettqet evalwazzjoni xjentifika tas-sustanzi elenkati fl-Anness tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1950/2006, kif ukoll tas-sustanzi li ġew identifikati fi stħarriġ fost l-awtoritajiet kompetenti u l-partijiet ikkonċernati rilevanti. Fil-parir xjentifiku tagħha ([4]), l-Aġenzija tidentifika xi wħud minn dawk is-sustanzi bħala "essenzjali" jew bħala "li jġibu benefiċċju kliniku miżjud" u li għalihom perjodu ta' stennija ta' 6 xhur ma joħloqx riskju inaċċettabbli għall-konsumaturi.

(8) F'konformità mal-parir tal-Aġenzija, jenħtieġ li s-sustanzi rakkomandati bħala essenzjali jew li jġibu benefiċċju kliniku miżjud jintużaw għall-mard jew għall-kundizzjonijiet speċifiċi, u għat-trattament jew għall-ħtiġijiet dijanjostiċi speċifikati fl-Anness ta' dan ir-Regolament. Barra minn hekk, l-Aġenzija tat parir li jenħtieġ li jitqiesu wkoll l-alternattivi elenkati f'dak l-Anness.

(9) Is-sustanzi elenkati fit-Tabelli 1 jew 2 fl-Anness tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 37/2010 ([5]), jew is-sustanzi pprojbiti għall-użu fl-istockfarming mid-Direttiva tal-Kunsill 96/22/KE ([6]), ma jikkwalifikawx bħala essenzjali jew li jġibu benefiċċju kliniku miżjud. Għalhekk, fil-każ li s-sustanzi elenkati fl-Anness ta' dan ir-Regolament jiġu inklużi wkoll fit-Tabelli 1 jew 2 fl-Anness tar-Regolament (UE) Nru 37/2010, jew l-użu tagħhom fl-annimali li jipproduċu l-ikel tal-ispeċijiet ekwini jkun ipprojbit mil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni, jenħtieġ li dawn is-sustanzi ma jibqgħux jintużaw għall-finijiet ta' dan ir-Regolament.

(10) Il-lista ta' sustanzi stabbilita fl-Anness ta' dan ir-Regolament jenħtieġ li tissostitwixxi l-lista prevista skont ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1950/2006. Ir-Regolament (KE) Nru 1950/2006 jenħtieġ li jitħassar. Sabiex l-awtoritajiet kompetenti, il-veterinarji u l-indokraturi tal-annimali kkonċernati jkunu jistgħu jadattaw għall-bidliet li jirriżultaw min-nuqqas ta' inklużjoni fl-Anness ta' dan ir-Regolament ta' xi sustanzi jew ta' indikazzjonijiet elenkati fl-Anness tar-Regolament (KE) Nru 1950/2006, jenħtieġ li jiġi permess perjodu tranżitorju suffiċjenti.

(11) Sabiex tiżdied id-disponibbiltà tal-prodotti mediċinali għall-annimali li jipproduċu l-ikel tal-ispeċijiet ekwini u tiġi evitata tbatija inaċċettabbli, jenħtieġ li dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*. Jenħtieġ li dan ir-Regolament japplika wkoll mid-data tad-dħul fis-seħħ tiegħu.

(12) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Prodotti Mediċinali Veterinarji,

([4]) Parir xjentifiku skont l-Artikolu 115(5) tar-Regolament (UE) 2019/6 għall-istabbiliment ta' lista ta' sustanzi li huma essenzjali għat-trattament tal-ispeċijiet ekwini, jew li jġibu benefiċċju kliniku miżjud meta mqabbla ma' għażliet oħra ta' trattament disponibbli għall-ispeċijiet ekwini u li għalihom il-perjodu ta' stennija għall-ispeċijiet ekwini għandu jkun ta' 6 xhur (EMA/CVMP/159047/2023, it-18 ta' Lulju 2024).

([5]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 37/2010 tat-22 ta' Diċembru 2009 dwar is-sustanzi farmakoloġikament attivi u l-klassifikazzjoni tagħhom fir-rigward tal-limiti massimi ta' residwu fl-oġġetti tal-ikel li ġejjin mill-annimali (ĠU L 15, 20.1.2010, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2010/37(1)/oj).

([6]) Id-Direttiva tal-Kunsill 96/22/KE tad-29 ta' April 1996 li tikkonċerna l-projbizzjoni tal-użu fl-istockfarming ta' ċerti sustanzi li jkollhom azzjoni ormonika u tirostatika u ta' beta-agonists u li tħassar id-Direttivi 81/602/KEE, 88/146/KEE u 88/299/KEE (ĠU L 125, 23.5.1996, p. 3, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/1996/22/oj).

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

**Kamp ta' applikazzjoni**

Il-lista ta' sustanzi msemmija fl-Artikolu 115(5) tar-Regolament (UE) 2019/6 hija stabbilita fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

**Regoli dwar l-użu tas-sustanzi elenkati fl-Anness**

1. Is-sustanzi li huma essenzjali għat-trattament tal-ispeċijiet ekwini jistgħu jintużaw għall-indikazzjonijiet speċifikati fl-Anness ta' dan ir-Regolament, fejn l-ebda prodott mediċinali veterinarju awtorizzat għall-annimali li jipproduċu l-ikel tal-ispeċijiet ekwini jew l-ebda prodott mediċinali msemmi fl-Artikolu 113 tar-Regolament (UE) 2019/6 ma jagħti l-istess riżultati sodisfaċenti fir-rigward tat-trattament b'suċċess tal-annimal jew kif tiġi evitata t-tbatija bla bżonn għall-annimal.

2. Is-sustanzi li jġibu benefiċċju kliniku miżjud meta mqabbla ma' għażliet oħra ta' trattament jistgħu jintużaw għall-indikazzjonijiet speċifikati fl-Anness ta' dan ir-Regolament u filwaqt li jitqiesu l-alternattivi elenkati f'dak l-Anness, meta jipprovdu vantaġġ klinikament rilevanti bbażat fuq effikaċja jew sikurezza mtejba jew kontribut ewlieni għat-trattament meta mqabbla mal-prodotti mediċinali veterinarji awtorizzati għall-annimali li jipproduċu l-ikel tal-ispeċijiet ekwini jew mal-prodotti mediċinali msemmija fl-Artikolu 113 tar-Regolament (UE) 2019/6.

3. Meta xi waħda mis-sustanzi elenkati fl-Anness ta' dan ir-Regolament tiddaħħal fit-Tabelli 1 jew 2 tal-Anness tar-Regolament (UE) Nru 37/2010, jew l-użu tagħha fl-annimali li jipproduċu l-ikel tal-ispeċijiet ekwini jkun ipprojbit mill-leġiżlazzjoni tal-Unjoni, din ma għandhiex tibqa' tintuża għall-finijiet ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 3*

**Ħassir**

1. Ir-Regolament (KE) Nru 1950/2006 jitħassar b'effett mill-21 ta' Mejju 2027.

2. Ir-referenzi għar-Regolament (KE) Nru 1950/2006 mħassar għandhom jiġu interpretati bħala referenzi għal dan ir-Regolament.

*Artikolu 4*

**Dħul fis-seħħ u applikazzjoni**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-21 ta' Mejju 2025.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, id-19 ta' Mejju 2025.

*Għall-Kummissjoni*
*Il-President*
Ursula VON DER LEYEN

*ANNESS*

**Gruppi ta' sustanzi**

I. **Anestetiċi**

| Sustanza Attiva ([1]) | Indikazzjonijiet | Identifikazzjoni tal-alternattivi | Spjegazzjoni tal-użu / vantaġġi speċifiċi |
|---|---|---|---|
| Ossibuprokaina[a] | Anestežija topika lokali għall-użu fl-għajnejn | Ebda alternattiva mhi identifikata | Esperjenza klinika estensiva |
| Prilokaina[b] | Anestežija topika lokali qabel injezzjoni intravenuża jew kateterizzazzjoni | Lidokaina | Fi preparazzjonijiet speċifiċi (taħlita ewtettika ta' anestetiċi lokali), għal applikazzjoni topika fuq il-ġilda; tista' tintuża biex tiffaċilita l-injezzjoni intravenuża jew il-kateterizzazzjoni |

([1]) Is-sustanzi attivi identifikati b'"a" huma sustanzi essenzjali. Is-sustanzi identifikati b'"b" huma sustanzi li jġibu benefiċċju kliniku miżjud.

II. **Analġeżiċi**

| Sustanza attiva ([1]) | Indikazzjonijiet | Identifikazzjoni tal-alternattivi | Spjegazzjoni tal-użu / vantaġġi speċifiċi |
|---|---|---|---|
| Bromfenak[b] | Trattament tal-uveite u tal-infjammazzjoni okulari | Mediċini antinfjammatorji nonsterojdali (NSAIDs, Systemic nonsteroidal anti-inflammatory drugs) sistemiċi (eż. flunissin); ketorolak topiku (okulari) | NSAIDs topiċi jistgħu jirriżultaw f'inqas skumditàgħall-pazjenti, infjammazzjoni mnaqqsa wara l-operazzjoni, prevenzjoni tal-mijoża, u titjib fl-akutezza fil-vista fil-perjodu bikri ta' wara l-operazzjoni |
| Fentanil[b] | Approċċ multimodali għal kundizzjonijiet li jikkawżaw uġigħ akut minn moderat sa sever | Butorfanol, morfina | Tipproduċi analġeżija aħjar minn ċerti oppjojdi oħra u tista' tintuża għal kundizzjonijiet li jikkawżaw uġigħ kbir; valur rikonoxxut għall-użu f'approċċi multimodali |
| Ketorolak[b] | Trattament tal-uġigħ u tal-infjammazzjoni fl-għajnejn | Terapija bl-NSAIDs sistemiċi (eż. flunissin) | Ifformulata għal applikazzjoni lokali |
| Metokarbamol[b] | Bħala parti mill-protokolli ta' trattament fi spażmi tal-muskoli li jikkawżaw uġigħ sever jew f'kundizzjonijiet b'infjammazzjoni fil-muskoli severa | NSAIDs sistemiċi (eż. flunissin) | Rilassament qawwi tal-muskoli skeletriċi; azzjoni speċifika fuq l-internewruni tas-sinsla tad-dahar biex jitnaqqsu l-ispażmi akuti tal-muskoli skeletriċi mingħajr alterazzjoni konkomitanti fit-ton muskolari |
| Morfina[b] | Analġeżija | Butorfanol, fentanil | Aktar qawwija minn analġeżiċi oħrajn |
| Aċetonur tat-triamċinolon[b] | Trattament tal-infjammazzjoni tal-ġogi | Metilprednisolon | Inqas effetti ta' ħsara fuq il-metaboliżmu tal-qarquċa |

([1]) Is-sustanzi attivi identifikati b'"a" huma sustanzi essenzjali. Is-sustanzi identifikati b'"b" huma sustanzi li jġibu benefiċċju kliniku miżjud.

III. **Antimikrobiċi**

| Sustanza attiva ([1]) | Indikazzjonijiet | Identifikazzjoni tal-alternattivi | Spjegazzjoni tal-użu / vantaġġi speċifiċi |
|---|---|---|---|
| I. ***Antibijotiċi*** | | | |
| Amikaċina[b] | Trattament tas-sepsi fiż-żwiemel u fil-moħor | Ġentamiċina, ċeftijofur | Profil ta' sikurezza aħjar fl-annimal fil-mira |
| Ażitromiċina[b] | Trattament tal-infezzjonijiet mir-*Rhodococcus equi* suxxettibbli għall-ażitromiċina | Klaritromiċina, eritromiċina, gamitromiċina, tulatromiċina, dossiċiklina | Beneficċju kliniku miżjud f'każijiet ta' infezzjonijiet mir-*Rhodococcus equi* fil-moħor li jistgħu jiġu solvuti bil-monoterapija jew flimkien mad-dossiċiklina |
| Klaritromiċina[b] | Trattament tal-infezzjonijiet mir-*Rhodococcus equi* suxxettibbli għall-klaritromiċina | Ażitromiċina, eritromiċina, gamitromiċina, tulatromiċina, dossiċiklina | Aktar attiva kontra r-*Rhodococcus equi in vitro* milli huma l-eritromiċina jew l-ażitromiċina; tikseb konċentrazzjonijiet akbar fil-fluwidu tal-inforra epiteljali pulmonari u fil-makrofagi alveolari meta mqabbla mal-eritromiċina jew mal-ażitromiċina, għalkemm in-nofs ħajja hija iqsar |
| Aċidu fusidiku[b] | Trattament topiku tal-infezzjonijiet fl-għajnejn ikkawżati minn batterji gram-pożittivi suxxettibbli għall-aċidu fusidiku | Oflossaċina, mossiflossaċina | Spettru wiesa' għat-trattament tal-infezzjonijiet gram-pożittivi; għażla primarja f'ulċeri korneali superfiċjali u mhux ikkumplikati u f'konġuntivite akuta fiż-żwiemel |
| Mossiflossaċina[b] | Trattament topiku tal-infezzjonijiet esterni fl-għajnejn ikkawżati minn cocci gram-pożittivi u minn batterji gram-negattivi, atipiċi u anaerobiċi, bħall-*Pseudomonas aeruginosa*, suxxettibbli għall-mossiflossaċina | Oflossaċina | Profil farmakokinetiku vantaġġjuż; l-ispettru tal-attività jinkludi cocci gram-pożittivi u batterji anaerobiċi li jistgħu jkunu reżistenti għal kinoloni oħra |
| Oflossaċina[b] | Trattament tal-infezzjonijiet esterni fl-għajnejn ikkawżati minn mikroorganiżmi gram-pożittivi u gram-negattivi suxxettibbli għall-oflossaċina | Mossiflossaċina | Esperjenza klinika; tippenetra l-kornea kollha sal-kamra anterjuri tal-għajn |
| Polimissina B[b] | Trattament tal-keratite batterika, użu topiku | Oflossaċina, mossiflossaċina | Alternattiva effettiva għal trattamenti sistemiċi; mekkaniżmu ta' azzjoni differenti għal alternattivi topiċi oħra |
| II. ***Antifungali*** | | | |
| Amfoteriċina B[a] | Trattament tal-pulmonite fungali, użu sistemiku | Ebda alternattiva mhi identifikata | Trattament tal-għażla |
| Mikonażol[b] | Trattament tal-infezzjoni fungali tal-għajn | Natamiċina, nistatina, vorikonażol | Spettru wiesa' ta' attività; inqas irritanti meta mqabbla ma' antifungali topiċi oħra |

| Sustanza attiva ([1]) | Indikazzjonijiet | Identifikazzjoni tal-alternattivi | Spjegazzjoni tal-użu / vantaġġi speċifiċi |
|---|---|---|---|
| Nistatina[b] | Trattament tal-infezzjonijiet fungali u tal-kandidjaż tal-għajn u tal-apparat ġenitali | Mikonażol | Trattament tal-għażla għall-kandidjaż |
| Vorikonażol[b] | Trattament tal-keratite fungali, użu topiku | Mikonażol | Spettru wiesa' ta' attività |
| III. ***Antivirali*** | | | |
| Aċiklovir[b] | Trattament tal-każijiet ta' infezzjoni tal-virus tal-erpete ekwina assoċjati ma' kumplikazzjonijiet, użu topiku biss | Ganċiklovir | Trattament tal-għażla għall-ulċeri okulari meta l-implikazzjoni ta' patoġenu virali tkun suspettata |
| Ganċiklovir[b] | Trattament tal-każijiet ta' infezzjoni tal-virus tal-erpete ekwina assoċjati ma' kumplikazzjonijiet, użu topiku | Aċiklovir, valaċiklovir | Rikkezza ta' evidenza għat-trattament ta' tipi differenti ta' virus li jikkawżaw infezzjonijiet erpetiċi |
| Valaċiklovir[b] | Trattament tal-każijiet ta' infezzjonijiet tal-virus tal-erpete ekwina, użu orali | Aċiklovir | Profil farmakokinetiku aħjar u rotta differenti ta' amministrazzjoni |

([1]) Is-sustanzi attivi identifikati b'"a" huma sustanzi essenzjali. Is-sustanzi identifikati b'"b" huma sustanzi li jġibu benefiċċju kliniku miżjud.

IV. **Sustanzi għad-disturbi respiratorji**

| Sustanza attiva ([1]) | Indikazzjonijiet | Identifikazzjoni tal-alternattivi | Spjegazzjoni tal-użu / vantaġġi speċifiċi |
|---|---|---|---|
| Ambrossol[b] | Stimulazzjoni ta' aġent tensjoattiv f'moħor prematuri | Sterojdi, bromeżina, dembreżina, trasferiment ta' aġent tensjoattiv minn donatur b'saħħtu | Għażla klinika ppreferuta għal moħor prematuri |
| Flutikażon[b] | Kontroll ta' mard pulmonari allerġiku inkluži każijiet ħfief għal moderati ta'ażma ekwina u sottotipi permezz tal-inalazzjoni | Beklometażon | L-inalazzjoni twassal għal inqas soppressjoni adrenokortikali, ritorn għan-normal aktar mgħaġġel wara t-tmiem tat-terapija u inqas effetti sekondarji sistemiċi meta mqabbla mat-terapija kortikosterojde sistemika minħabba l-assorbiment sistemiku limitat tagħha; indikat b'mod speċjali għall-kontroll ta'ażma ħafifa għal moderata u ta'ażma severa rifrattarja kif ukoll għal terapija ta' manutenzjoni fit-tul |
| Bromur tal-ipratropju[b] | Bħala bronkdilatur fiż-żwiemel b'ażma ħafifa għal moderata | Klenbuterol | Azzjoni antikolinerġika, bħala alternattiva għall-beta-agonisti |
| Ossimetażolina[b] | Trattament tal-edema nażali | Fenilefrina | Agonista alfaadrenoċettur bi proprjetajiet vażokostrettivi qawwija u b'effett li jdum jaħdem aktar |
| Fenilefrina[b] | Trattament tal-edema nażali | Ossimetażolina | Tnaqqas il-ħtieġa li jiddaħħlu tubi nażali waqt l-irkupru |

([1]) Is-sustanzi attivi identifikati b'"a" huma sustanzi essenzjali. Is-sustanzi identifikati b'"b" huma sustanzi li jġibu benefiċċju kliniku miżjud.

V. **Sustanzi għall-kardjoloġija**

| Sustanza attiva ([1]) | Indikazzjonijiet | Identifikazzjoni tal-alternattivi | Spjegazzjoni tal-użu / vantaġġi speċifiċi |
|---|---|---|---|
| Amjodaron[b] | Trattament sistemiku u orali tal-fibrillazzjoni atrijali u tat-takikardija sopraventrikolari u ventrikolari | Sulfat/glukonat tal-kinidina, sotalol, verapamil | Mod differenti ta' azzjoni: aġent antiaritmiku tal-klassi III |
| Propafenon[b] | Trattament tat-takikardija ventrikolari u tat-takjaritmija ventrikolari | Sulfat/glukonat tal-kinidina | Mod differenti ta' azzjoni: antagonista tal-kanal tas-sodju li jnaqqas l-eċċitabbiltà tal-qalb |
| Kinapril[a] | Trattament tal-insuffiċjenza kardijaka; protezzjoni kardjovaskulari fiż-żwiemel b'fibrillazzjoni atrijali (AF, atrial fibrillation) jew b'rifluss mitrali (MR, mitral regurgitation) | Ebda alternattiva mhi identifikata | Mod differenti ta' azzjoni: inibitur tal-enzima ta' konverżjoni tal-anġjotensina (ACE, angiotensin-converting-enzyme) |
| Sulfat/glukonat tal-kinidina[b] | Trattament tal-aritmiji | Amjodaron, sotalol, verapamil | Trattament tal-għażla għall-fibrillazzjoni atrijali |
| Sotalol[b] | Trattament fit-tul tal-aritmiji | Amjodaron, sulfat/glukonat tal-kinidina | Aktar adattati fiż-żwiemel li jeħtieġu terapija antiaritmika fit-tul; eventi inqas avversi meta mqabbla mal-amjodaron |
| Verapamil[b] | Trattament tal-aritmiji sopraventrikolari | Amjodaron, sulfat/glukonat tal-kinidina, sotalol | Mod differenti ta' azzjoni: antagonista tal-kalċju |

([1]) Is-sustanzi attivi identifikati b'"a" huma sustanzi essenzjali. Is-sustanzi identifikati b'"b" huma sustanzi li jġibu benefiċċju kliniku miżjud.

VI. **Sustanzi għall-proċeduri dijanjostiċi**

| Sustanza attiva ([1]) | Indikazzjonijiet | Identifikazzjoni tal-alternattivi | Spjegazzjoni tal-użu / vantaġġi speċifiċi |
|---|---|---|---|
| Sulfat tal-barju[a] | Viżwalizzazzjoni mtejba tal-kanal gastrointestinali waqt l-eżamijiet radjografiċi | Ebda alternattiva mhi identifikata | L-ebda trattament alternattiv sodisfaċenti għall-viżwalizzazzjoni mtejba tal-kanal gastrointestinali waqt l-eżamijiet radjografiċi |
| Fluworexxeina[b] | Dijanjożi tal-keratite jew tal-ulċerazzjoni korneali, użu topiku | Roża bengala | Għodda dijanjostika tal-għażla meta wara tkun meħtieġa kultura virali |

| Sustanza attiva ([1]) | Indikazzjonijiet | Identifikazzjoni tal-alternattivi | Spjegazzjoni tal-użu / vantaġġi speċifiċi |
|---|---|---|---|
| Joeżol[a] | Aġent ta' kuntrast għar-radjografija, l-artrografija, il-mjelografija, is-sinografija jew il-fistulografija, u d-dakrjoċistografija tal-kanal saflieni tal-awrina | Ebda alternattiva mhi identifikata | Aġent ta' kuntrast mhux joniku solubbli fl-ilma |
| Fenilefrina[a] | Dijanjożi tad-diżawtonomija ekwina | Ebda alternattiva mhi identifikata | Approċċ dijanjostiku anċillari għall-polinewropatija tad-diżawtonomija ekwina |
| Roża bengala[b] | Dijanjożi tal-keratite jew tal-ulċerazzjoni korneali, użu topiku | Fluworexxeina | Għodda dijanjostika tal-għażla għad-dijanjożi tal-keratite/ulċeri tal-għajnejn |
| Tireotropina[a] | Dijanjożi tad-disfunzjoni tal-*pars intermedia* tal-glandola pitwitarja | Ebda alternattiva mhi identifikata | L-ebda alternattiva sodisfaċenti għad-dijanjożi tad-disfunzjoni tal-*pars intermedia* tal-glandola pitwitarja |

([1]) Is-sustanzi attivi identifikati b'"a" huma sustanzi essenzjali. Is-sustanzi identifikati b'"b" huma sustanzi li jġibu benefiċċju kliniku miżjud.

VII. **Sustanzi għad-disturbi gastrointestinali**

| Sustanza attiva ([1]) | Indikazzjonijiet | Identifikazzjoni tal-alternattivi | Spjegazzjoni tal-użu / vantaġġi speċifiċi |
|---|---|---|---|
| Metoklopramid[b] | Trattament tal-ileus wara l-operazzjoni | Sostituzzjoni tal-fluwidu intravenuż, mediċini kontra l-uġigħ (eż. flunissin), lidokaina | Prodott mediċinali prokinetiku |
| Misoprostol[b] | Trattament tal-marda glandolari gastrika u tal-kolite | Omeprażol, sukralfat | Superjuri għall-omeprażol għat-trattament tal-marda glandolari gastrika ekwina |
| Fenilefrina[a] | Trattament tal-intrappolament nefrospleniku | Ebda alternattiva mhi identifikata | Valur kliniku fir-riżoluzzjoni tal-intrappolament nefrospleniku; tikkawża kontrazzjoni splenika dipendenti fuq id-doża |
| Ranitidina[b] | Trattament tal-ulċeri gastriċi fin-neonati morda fi stat kritiku, użu intravenuż | Omeprażol | Ir-rotta ta' amministrazzjoni intravenuża ġġib benefiċċju kliniku miżjud fuq medikazzjonijiet orali oħra kontra l-ulċeri |
| Sukralfat[b] | Trattament u prevenzjoni tal-ulċeri gastriċi fiż-żwiemel | Omeprażol | Mod differenti ta' azzjoni meta mqabbla mal-omeprażol (aderenti mal-mukoża), li tipprovdi stabilizzazzjoni tal-leżjonijiet fiżiċi |

([1]) Is-sustanzi attivi identifikati b'"a" huma sustanzi essenzjali. Is-sustanzi identifikati b'"b" huma sustanzi li jġibu benefiċċju kliniku miżjud.

VIII. **Sustanzi għad-disturbi metaboliċi**

| Sustanza attiva ([1]) | Indikazzjonijiet | Identifikazzjoni tal-alternattivi | Spjegazzjoni tal-użu / vantaġġi speċifiċi |
|---|---|---|---|
| Insulina[b] | Bħala għajnuna fit-trattament tal-iperlipidemija li ma tkunx reattiva għat-terapija bil-glukożju jew tal-iperlipidemija severa, tintuża flimkien mal-glukożju u ma' terapiji oħra<br>Dijanjożi tad-disturbi metaboliċi (eż. reżistenza għall-insulina assoċjata mas-sindromu metaboliku ekwin jew mad-disfunzjoni tal-*pars intermedia* tal-glandola pitwitarja) | L-eparina ta' piż molekulari baxx tista' tintuża għal każijiet ta' iperlipidemija | L-insulina hija l-għażla klinika ppreferuta |

([1]) Is-sustanzi attivi identifikati b'"a" huma sustanzi essenzjali. Is-sustanzi identifikati b'"b" huma sustanzi li jġibu benefiċċju kliniku miżjud.

IX. **Sustanzi għad-disturbi muskuloskeletali**

| Sustanza attiva ([1]) | Indikazzjonijiet | Identifikazzjoni tal-alternattivi | Spjegazzjoni tal-użu / vantaġġi speċifiċi |
|---|---|---|---|
| Atrakurju[b] | Induzzjoni tal-paraliżi muskolari taħt anestezija ġenerali | Ċisatrakurju, gwajfenezina | Iġġib benefiċċju kliniku miżjud fiż-żwiemel taħt anestezija ġenerali f'każijiet meta jkun meħtieġ aktar rilassament tal-muskoli bħal kirurġiji oftalmiċi, ċerti tiswijiet ortopediċi u meta jkun hemm il-bżonn li jintlaħqu partijiet fil-fond tal-kavità addominali. |
| Ċisatrakurju[b] | Induzzjoni tal-paraliżi muskolari taħt anestezija ġenerali | Atrakurju, gwajfenezina | Iġġib benefiċċju kliniku miżjud fiż-żwiemel taħt anestezija ġenerali f'każijiet meta jkun meħtieġ aktar rilassament tal-muskoli bħal kirurġiji oftalmiċi, ċerti tiswijiet ortopediċi u meta jkun hemm il-bżonn li jintlaħqu partijiet fil-fond tal-kavità addominali. |
| Sodju tad-dantrolen[b] | Prevenzjoni tar-rabdomijoliżi<br>Prevenzjoni tal-ipertermija malinna waqt l-anestezija | NSAIDs, fluwidi intravenużi, vitamina E/selenju | Effikaċi bħala preventiva, billi tinibixxi r-rilaxx tal-kalċju mir-retikulu sarkoplażmiku u b'hekk tikkawża dissoċjazzjoni tal-akkoppjament ta' eċċitazzjoni u ta' kontrazzjoni |
| Edrofonju[a] | Reversibbiltà tal-effetti tal-paraliżi muskolari kkawżat mill-atrakurju | Ebda alternattiva mhi identifikata | Inibitur tal-kolinesteraži, essenzjali għar-reversibbiltà tal-ibblukkar newromuskolari; l-inqas effetti sekondarji mill-inibituri tal-kolinesteraži fiż-żwiemel |

| Sustanza attiva ([1]) | Indikazzjonijiet | Identifikazzjoni tal-alternattivi | Spjegazzjoni tal-użu / vantaġġi speċifiċi |
|---|---|---|---|
| Gwajfenežina[b] | Induzzjoni u manutenzjoni tal-anestežija ġenerali f'kundizzjonijiet fuq il-post | Atrakurju, ċisatrakurju | Indikata b'mod partikolari f'kundizzjonijiet fuq il-post (mhux fi sptar) fejn tista' tkun meħtieġa anestežija; l-effetti depressivi kardjopulmonari mnaqqsa jiffaċilitaw anestežija sikura mingħajr tagħmir ta' monitoraġġ avvanzat jew ta' ventilazzjoni mekkanika |

([1]) Is-sustanzi attivi identifikati b'"a" huma sustanzi essenzjali. Is-sustanzi identifikati b'"b" huma sustanzi li jġibu benefiċċju kliniku miżjud.

## X. **Sustanzi għad-disfunzjonijiet newroloġiċi**

| Sustanza attiva ([1]) | Indikazzjonijiet | Identifikazzjoni tal-alternattivi | Spjegazzjoni tal-użu / vantaġġi speċifiċi |
|---|---|---|---|
| Diażepam[a] | Antikonvulsiv għal żmien qasir għat-trattament tal-attakki | Ebda alternattiva mhi identifikata | Antikonvulsiv tat-tieni ġenerazzjoni |

([1]) Is-sustanzi attivi identifikati b'"a" huma sustanzi essenzjali. Is-sustanzi identifikati b'"b" huma sustanzi li jġibu benefiċċju kliniku miżjud.

## XI. **Sustanzi għall-oftalmoloġija**

| Sustanza attiva ([1]) | Indikazzjonijiet | Identifikazzjoni tal-alternattivi | Spjegazzjoni tal-użu / vantaġġi speċifiċi |
|---|---|---|---|
| Aċetażolammid[b] | Trattament tal-glawkoma, użu orali | Fenilefrina | Il-mekkaniżmu tagħha ta' azzjoni bħala inibitur tal-anidraži karbonika |
| Ċiklopentolat[b] | Aġent midrijatiku | Atropina, fenilefrina | Tinduċi midrijaži sinifikanti mingħajr ma taffettwa l-produzzjoni tad-dmugħ, il-pressjoni intraokulari, il-funzjoni diġestiva (jiġifieri l-motilità tal-kanal alimentari u l-produzzjoni tal-feċi), jew ir-rata tal-qalb |
| Ċiklosporina A[b] | Trattament tal-mard awtoimmuni tal-għajn | Sterojdi topiċi | Effett immunosoppressiv billi tiġi inibita l-proliferazzjoni tal-linfoċita T u titnaqqas l-espressjoni ġenika taċ-ċitokina |
| Fenilefrina[b] | Trattament tal-glawkoma u tal-epifora | Atropina u tropikammid | Ma żżidx (jew iżżid kemxejn biss) il-pressjoni intraokulari |
| Sinefrina[b] | Trattament tal-membrani mukużi tal-għajn bħala dekonġestjonant | Fenilefrina, tetriżolina | Effett lokali mgħaġġel; ittejjeb il-penetrazzjoni tat-terapija lokali, billi tipprovdi effetti sinerġistiċi, pereżempju mat-terapija antimikrobika lokali |
| Tetriżolina[b] | Trattament tal-membrani mukużi tal-għajn bħala dekonġestjonant | Fenilefrina, sinefrina | Effett lokali mgħaġġel |

| Sustanza attiva ([1]) | Indikazzjonijiet | Identifikazzjoni tal-alternattivi | Spjegazzjoni tal-użu / vantaġġi speċifiċi |
|---|---|---|---|
| Maleat tat-timolol[b] | Trattament tal-glawkoma, użu topiku | Aċetażolammid | Il-mod speċifiku ta' azzjoni tagħha bħala imblokkatur tar-riċetturi Beta mhux selettiv, jipprevedi għażla terapewtika importanti fit-trattament tal-glawkoma |
| Aċetonur tat-triamċinolon[b] | Trattament tal-uveite rikorrenti f'każijiet li huma rifrattarji għal trattamenti oħra | Atropina, tropikammid | Trattament effettiv u b'morbidità baxxa f'każijiet li huma rifrattarji għal trattamenti oħra |
| Tropikammid[b] | Trattament tal-uveite rikorrenti | Atropina, ċiklopentolat, aċetonur tat-triamċinolon | Bidu tal-azzjoni mgħaġġel |

([1]) Is-sustanzi attivi identifikati b'"a" huma sustanzi essenzjali. Is-sustanzi identifikati b'"b" huma sustanzi li jġibu benefiċċju kliniku miżjud.

XII. **Sustanzi għas-sedazzjoni u għall-premedikazzjoni (u antagoniżmu)**

| Sustanza attiva ([1]) | Indikazzjonijiet | Identifikazzjoni tal-alternattivi | Spjegazzjoni tal-użu / vantaġġi speċifiċi |
|---|---|---|---|
| Aċepromażina[b] | Għal approċċ multimodali għat-trankwillizzazzjoni u għall-premedikazzjoni flimkien ma' sedattivi oħra | Detomidina, romifidina, ksilażina, diażepam | Il-mod ta' azzjoni tal-aċepromażina u l-kwalità unika tagħha ta' sedazzjoni ma jistgħux jiġu prodotti mill-agonisti alfa-2 jew mill-benżodiażepini |
| Atipameżol[a] | Reversibbiltà tal-effetti tal-agonisti alfa-2 | Ebda alternattiva mhi identifikata | Tneħħi l-effetti sedattivi u analġeżiċi u r-reazzjonijiet kardjovaskulari avversi |
| Deżmedetomidina[b] | Sedazzjoni jew anestezija ġenerali bħala parti minn protokolli ta' anestezija intravenuża parzjali jew totali | Detomidina, romifidina, ksilażina, diażepam | L-aktar agonista alfa-2 selettiva; nofs ħajja qasira u ridistribuzzjoni mgħaġġla, li jiffavorixxu b'mod partikolari l-użu tagħha bħala infużjoni b'rata kontinwa |
| Diażepam[b] | Premedikazzjoni u induzzjoni tal-anestezija, trankwillizzazzjoni ħafifa b'effetti sekondarji kardjovaskulari u respiratorji minimi | Aċepromażina, detomidina, romifidina, ksilażina | Il-mod ta' azzjoni (fuq ir-riċettur tal-aċidu gamma-aminobutirriku (GABA, gamma-aminobutyric acid)) jipprovdi trankwillizzazzjoni unika mingħajr depressjoni kardjorespiratorja li ma tistax tiġi prodotta mill-agonisti alfa-2 (detomidina, romifidina u ksilażina) jew aċepromażina |
| Flumażenil[a] | Aġent riversiv intravenuż għall-benżodiażepina waqt l-irkupru minn tekniki ta' Anestezija Intravenuża Totali (TIVA, Total Intravenous Anaesthesia) | Ebda alternattiva mhi identifikata | Antagonista li tinibixxi b'mod kompetittiv is-sit tal-irbit tal-benżodiażepina fir-riċettur tal-GABA |

| Sustanza attiva ([1]) | Indikazzjonijiet | Identifikazzjoni tal-alternattivi | Spjegazzjoni tal-użu / vantaġġi speċifiċi |
|---|---|---|---|
| Nalosson[a] | Reversibbiltà tal-effetti tal-oppjojdi waqt emerġenzi | Ebda alternattiva mhi identifikata | Ebda alternattiva mhi disponibbli |
| Propofol[b] | Induzzjoni tal-anestezija fil-moħor permezz tal-amministrazzjoni intravenuża | Isofluran | Titjib fl-istabbiltà kardjovaskulari u fil-kwalità tal-irkupru meta mqabbla mal-anestezija inalatorja fil-moħor |

([1]) Is-sustanzi attivi identifikati b'"a" huma sustanzi essenzjali. Is-sustanzi identifikati b'"b" huma sustanzi li jġibu benefiċċju kliniku miżjud.

XIII. **Sustanzi għad-disturbi sistemiċi**

| Sustanza attiva ([1]) | Indikazzjonijiet | Identifikazzjoni tal-alternattivi | Spjegazzjoni tal-użu / vantaġġi speċifiċi |
|---|---|---|---|
| Allopurinol[b] | Dannu tal-iskemija-riperfużjoni neonatali | Vitamina E | Mod differenti ta' azzjoni fl-inibizzjoni tal-formazzjoni ta' speċijiet ta' ossiġenu reattiv (ROS, reactive oxygen species) meta mqabbla mal-vitamina E |
| Dalteparina[b] | Antikoagulant | Eparina | Tnaqqis fid-daqs molekulari huwa assoċjat ma' telf ta' attività inibitorja tat-trombina, iżda għall-kuntrarju żieda fl-inibizzjoni tal-fattur Xa (FXa) meta mqabbla mal-eparina mhux frazzjonata |
| Dobutammina[b] | Ġestjoni tal-ipotensjoni taħt anestezija ġenerali | Efedrina | Mediċina tal-ewwel linja għat-trattament tal-ipotensjoni f'ekwini adulti taħt anestezija ġenerali |
| Dopammina[a] | Bħala parti minn protokoll ta' trattament għal dannu/ insuffiċjenza akuta tal-kliewi biss | Ebda alternattiva mhi identifikata | Instab li dożi baxxi jikkawżaw vażodilatazzjoni fil-kliewi, żieda fil-fluss tad-demm fil-kliewi, u żieda fil-produzzjoni tal-awrina mingħajr effetti kardjovaskulari sistemiċi fi żwiemel konxji u b'saħħithom |
| Efedrina[b] | Trattament tal-ipotensjoni taħt anestezija ġenerali | Dobutammina | Tintuża għat-trattament tal-ipotensjoni f'ekwini adulti taħt anestezija ġenerali meta d-dobutammina tkun ineffettiva. Mod differenti ta' azzjoni għad-dobutammina b'effett aktar dirett fuq il-kontrattilità kardijaka |
| Ġelatinpolisuċċinat[b] | L-indirizzar tal-ipovolemija fit-tul li tirriżulta minn kundizzjonijiet bħal pereżempju l-albumina baxxa | Kristallojdi | Il-kollojdi huma molekuli akbar meta mqabbla mal-kristallojdi, u b'hekk jibqgħu aktar fl-ispazju intravaskulari, li huwa vantaġġ għall-korrezzjoni tal-ipovolemija minn pereżempju l-ipoalbuminemija |
| Glikopirrolat[b] | Trattament u prevenzjoni tal-bradikardija | Atropina | Effett ċentrali minimu; adattata għal żwiemel konxji, qabel u wara l-anestezija |

| Sustanza attiva ([1]) | Indikazzjonijiet | Identifikazzjoni tal-alternattivi | Spjegazzjoni tal-użu / vantaġġi speċifiċi |
|---|---|---|---|
| Noradrenalina / norepinefrina[b] | Trattament tax-xokk settiku bikri<br>Appoġġ għall-funzjoni kardjovaskulari f'moħor morda fi stat kritiku | Dobutammina, dopammina | Fil-moħor batuti (morda), din hija ġeneralment l-uniku katekolammina effettiva fit-trattament tal-ipotensjoni |
| Vasopressina[b] | Trattament tal-kollass ċirkulatorju fil-moħor u fiż-żwiemel adulti | Epinefrina, dopammina, dobutammina | Alternattiva f'każijiet fejn terapiji standard ta' katekolammina bħal dopammina, dobutammina u epinefrina jkunu ineffettivi jew jeħtieġu titjib biex jirrestawraw it-ton vaskulari fi stati ta' xokk vażodilatorju rifrattarju |

([1]) Is-sustanzi attivi identifikati b'"a" huma sustanzi essenzjali. Is-sustanzi identifikati b'"b" huma sustanzi li jġibu benefiċċju kliniku miżjud.

XIV. **Sustanzi għat-tumuri**

| Sustanza attiva ([1]) | Indikazzjonijiet | Identifikazzjoni tal-alternattivi | Spjegazzjoni tal-użu / vantaġġi speċifiċi |
|---|---|---|---|
| Imikimod[a] | Trattament tas-sarkojdi | Ebda alternattiva mhi identifikata | Ir-riċerka attwali tissuġġerixxi li s-sarkojdi ekwini x'aktarx jirriżultaw minn interazzjoni kumplessa li tinkludi disfunzjoni tas-sistema immunitarja ospitanti |

([1]) Is-sustanzi attivi identifikati b'"a" huma sustanzi essenzjali. Is-sustanzi identifikati b'"b" huma sustanzi li jġibu benefiċċju kliniku miżjud.

XV. **Diversi**

| Sustanza attiva ([1]) | Indikazzjonijiet | Identifikazzjoni tal-alternattivi | Spjegazzjoni tal-użu / vantaġġi speċifiċi |
|---|---|---|---|
| Ċetiriżina[b] | Trattament tal-kundizzjonijiet fejn titqies meħtieġa l-antistamina | Klorfenammina | Agonisti inversi tar-riċetturi tal-istamina 1 (H1) tat-tieni ġenerazzjoni huma alternattivi b'inqas effetti sekondarji (sedattivi) fuq is-sistema nervuża ċentrali (CNS, central nervous system) |
| Domperidon[b] | Trattament tal-agalattja/ disgalattja fid-dwieb | Sulpirur | Il-kapaċità tagħha li tistimula s-sekrezzjoni tal-prolattina f'sitwazzjonijiet ta' inibizzjoni dopamminerġika |
| Sulpirur[b] | Trattament tal-agalattja/ disgalattja fid-dwieb | Domperidon | Il-kapaċità tagħha li tistimula s-sekrezzjoni tal-prolattina f'sitwazzjonijiet ta' inibizzjoni dopamminerġika |

([1]) Is-sustanzi attivi identifikati b'"a" huma sustanzi essenzjali. Is-sustanzi identifikati b'"b" huma sustanzi li jġibu benefiċċju kliniku miżjud.